## 27 ta' Ġunju, 1960

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Grazio Mallia

*versus*

Anthony Pace

**Ċitazzjoni — Notifika — Riferta — Nullità — Kontumaċja — Art. 189 u 187 tal-Kap. 15.**

*Meta l-konvenut f'kawża jiġi notifikat biċ-ċitazzjoni per mezz ta' kopja li tkun irregolari, hu għandu d-dritt jitlob li tiġi lilu mogħtija kopja oħra li tkun regolari skond il-liġi; iżda dan mhuwiex l-uniku rimedju li tagħtieh il-liġi kontra din l-irregolarità; u għalhekk, jekk huwa ma jipprevalix ruħu minn dan id-dritt, ma jistgħax jingħad li hu tilef id-dritt li jikkontesta l-validità tan-notiffika lilu magħmula b'dak il-mod, jekk ikun il-każ. Il-fatt li l-kopja taċ-ċitazzjoni jkun fiha aġġunta li turi li l-kawża kienet ġiet differita biss, speċjalment meta l-aġġunta ssir fil-korp tal-kopja ġa qabel ċertifikata mir-Reġistratur, u tkun bla ebda inizjali jew firma ta' ħadd, hija irregolarità; iżda minħabba fiha biss ma hux il-każ li jiġu annullati l-proċeduri li jkunu saru wara li tkun saret dik in-notifika, jekk ma jkunx każ li l-konvenut ikun ġie żvijat b'mod li ma kienx jista' jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fiż-żmien legali, anki talvolta wara li jkun għamel il-verifiki opportuni.*

*Imma jekk ir-riferta tal-marixxall dwar in-notifika taċ-ċitazzjoni ma tkunx iffirmata, dan in-nuqqas ta' forma hu l-istess daqs kieku ma saret ebda riferta, u ma jkun hemm ebda prova legali li ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata. Il-fatt biss li mill-proċess jirriżulta illi l-kopja taċ-ċitazzjoni waslet lill-konvenut ma jsewwix dan id-difett. Bil-konsegwenza illi, jekk il-konvenut ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet, u ma kienx preżenti biex iwieġeb għall-kapitoli preżentati kontra tiegħu, hu ma jistgħax jingħad li kien kontumaċi;*

*għax il-proċeduri kollha li saru wara dik in-notifika, kompriżi l-kapitoli u s-sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti huma nulli; u l-kawża tr'd tssir mill-ġdid fuq l-istess ċitazzjoni wara li tkun saret notifika regolari lill-konvenut, inattiżi l-proċeduri kollha li jkunu saru quddiem l-Ewwel Qorti wara l-preżentata taċ- itazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-iċtazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-Imsida, fit-23 ta' Novembru 1958, il-konvenut waqt li kien qiegħed isuq il-karrozza numru 20325 minn Testaferrata Road, minħabba negliġenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, ħabat mal-karrozza numru 13245 misjuqa mill-attur; u billi l-istess kolliżjoni ġrat tort tal-konvenut; u billi bħala konsegwenza tal-istess kolliżjoni l-attur sofra danni inġenti, konsistenti fil-ħsara kaġunata fil-karrozza fuq imsemmija numru 13245 proprjetà tal-attur, fil-feriti li hu sofra, fi spejjeż ta' sptar u tobba, f'telf ta' xogħol, u f'dawk id-danni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi l-konvenut, għalkemm interpellat bonarjament, għadu sal-lum ma ħallasx lill-attur; ta'ab (1) li jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut huwa responsabbli għall-imsemmija kolliżjoni li ġrat fit-23 ta' Novembru 1958, l-Imsida, bejn karrozza numru 20325 misjuqa mill-konvenut u l-karrozza numru 13245 misjuqa mill-attur, u dan peress li l-istess kolliżjoni ġrat minħabba l-imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut; (2) u jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti jħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi minn din l-Onorabbli Qorti, bħala danni sofferti bħala konsegwenza tal-istess kolliżjoni; liema danni jikkonsistu fil-ħsara kaġunata fl-imsemmija karrozza numru 13245 proprjetà tal-attur, fit-telf ta' profitt, spejjeż ta' tobba u sptar, u f'dawk id-danni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż u blimgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza;

Rat il-kapitoli tal-attur għas-subizzjoni tal-konvenut, preżentati u approvati fil-21 ta' Jannar 1960;

Rat ir-rikors tal-konvenut preżentat fit-30 ta' Jannar 1960, fejn talab (1) illi l-Qorti tordna notifika ġdida taċ-ċitazzjoni; (2) illi tawtorizzah li jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet u jressaq il-provi tiegħu kollha, u l-kawża tiġi trattata u deċiża skond il-liġi; (3) u illi tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Frar 1960, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullità relattiva għan-notifika taċ-ċitazzjoni u għall-kapitoli opposti mill-konvenut, u ġew miċħuda t-talbiet kontenuti fl-imsemmi rikors; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li l-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut qiegħed jibbaża r-rikors tiegħu fuq żewġ motivi:— (a) illi n-notifika taċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex id-differiment għall-25 ta' Jannar 1960 ma ġiex ċertifikat mir-Reġistratur skond l-art. 188 tal-Proċedura Ċivili; (b) illi, bħala konsegwenza, kull ma sar sal-lum, kompriżi l-kapitoli, mhux legalment validu;

Illi dwar l-ewwel motiv, anki jekk in-nuqqas fuq rilevat kellu jikkostitwixxi irregolarità, id-dritt talvolta kompetenti lill-konvenut kien dak lilu mogħti mill-art. 189 (Proċ. Ċiv.), jiġifieri li huwa jagħmel lir-Reġistratur talba għal kopja regolari taċ-ċitazzjoni, u dan dejjem fi żmien jumejn mill-kunsinna tal-kopja mhux regolari; bil-konsegwenza li fin-nuqqas l-ilment tiegħu ma jkunx aktar attendibbli. F'dan is-sens iddeċidiet il-Qorti tal-Appell in re "Saliba vs. Ellul" fit-13 ta' Ġunju 1879, fejn ġie ritenut illi "nel caso di copia irregolare non compete alcun diritto alla parte notificata colla copia, se non quello dell'art. 217 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile" (il-lum art. 189), u ġiet għalhekk respinta l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-persuna notifikata bi skrittura mhux konformi għall-oriġinal, konsistenti din id-difformità filli l-att oriġinali kien petizzjoni, mentri l-kopja notifikata kienet ta' protest (Kollez. VIII. 796);

Illi ma jirriżultax li l-konvenut ipprevalixxa ruħu mid-

dritt lilu mogħti mill-art. 189 fuq ċitat, u għalhekk huwa ma jistgħax il-lum japprofitta ruħu mill-pretiża irregolarità taċ-ċitazzjoni. Del resto, l-istess konvenut juri li ma għandux raġun; għaliex, diversament, ma kienx ikollu bżonn "jitlob awtorizzazzjoni" li jippreżenta l-eċċezzjonijiet, billi, skond l-art. 189, iż-żmien għal dan l-iskop ma kienx jibda jgħodd qabel ma tiġi kunsinnata lilu kopja tajba taċ-ċitazzjoni, li sal-lum huwa għadu ma rċeviex;

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li l-konvenut, biex jikkontesta legalment il-kawża, kien imissu ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet jumejn qabel il-25 ta' Jannar 1960, destinat għat-trattazzjoni tal-kawża; u jekk dan ma għamlux, huwa għandu jitqies bħala kontumaċi għall-effetti kollha tal-liġi;

Illi xejn ma jiswa li l-kapitoli ġew preżentati u approvati fil-21 ta' Jannar 1950, jiġifieri meta l-konvenut kien għad fadallu żmien biex jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet; għaliex b'daqshekk il-kapitoli ma sarux nulli, kif ma jkunux nulli dawk l-atti kollha li jiġu preżentati qabel in-nota tal-eċċezzjonijiet, bħal, per eżempju, ir-rikors għall-inġunzjoni tax-xhieda. Jista' jingħad illi fil-21 ta' Jannar 1960 il-konvenut ma setgħax, kif sar, jiġi msejjaħ għas-subizzjoni; iżda mbgħad il-kawża għall-istess skop ġiet differita darbtejn oħra, jiġifieri għall-25 u 29 tal-istess xahar, u l-konvenut, imsejjaħ għas-subizzjoni, reġa ma deherx, u b'hekk il-kapitoli kellhom jitqiesu bħala konfessati u formanti prova skond il-liġi;

Illi, kif jinnota Salon, "come più che altrove le nullità sono odiose in materia di procedura, così bisogna aver per fermo che, eccetto una volontà manifesta emanata dal legislatore, cotali nullità ed i loro effetti debbono per quanto è possibile restringersi" (Delle Nullità, no. 145); u fl-istat tal-liġi tagħna, in-nullità nvokata mill-konvenut għandha tiġi eskluża;

Rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti mogħtija fl-istess ġurnata, li biha laqgħet l-ewwel talba tal-attur, billi ddikjarat lill-konvenut responsabbli tal-kolliżjoni "de qua";

u laqgħet it-tieni talba, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' £307.19.1 u saldu biss tad-danni sofferti mill-attur kif speċifikati fid-dokumenti eżibiti u fil-kapitoli a fol. 7, bl-imgħaxijiet kif mitluba; u minħabba r-rinunzja verbalizzata fol. 6 ma ħadetx konjizzjoni tad-danni l-oħra. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi bin-nuqqas ta' komparizzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni l-kapitoli għandhom jitqiesu bħala konfessati...;

Rat in-nota li biha l-imsemmija Anthony Pace u Alfred Formosa nomine (intervenut fil-kawża u bħala terz interessat), appellaw mill-imsemmija żewġ sentenzi, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi dawk is-sentenzi jiġu revokati, billi minflok jiġi deċiż (1) li n-notifika taċ-ċitazzjoni magħmula lill-konvenut Pace kienet nulla u ineffikaċi, u l-konvenut Pace hu ntitolat li jerġa jiġi notifikat mill-ġdid, f'liema każ tiġi revokata d-deċiżjoni fil-meritu, u l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti biex issir din in-notifika; (2) li l-kapitoli deferiti lill-konvenut Pace mill-attur huma wkoll nulli. billi jiġi ordnat li jiġu sfilzati mill-atti tal-proċess; (3) u li, fi kwalunkwe. każ, jiġi deċiż għar-riġett tat-talbiet tal-attur kontenuti fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa illi l-appellant Pace ma ġiex notifikat sewwa biċ-ċitazzjoni;

Din iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fil-31 ta' Ottubru 1959, u l-kawża ġiet appuntata għat-30 ta' Novembru 1959. F'din l-aħħar data, billi, kif jidher mir-riferta tal-marixxall tat-23 ta' Novembru 1959. il-konvenut Anthony Pace kien għad ma ġiex notifikat (fol. 2 tergo), il-kawża ġiet b'ordni tal-Qorti differita għall-25 ta' Jannar 1960, "għan-notifika tal-konvenut u għat-trattazzjoni" (verbal fol. 5);

Minn dak li hemm miktub fol. 2 tergo isfel (salv dak li sen jingħad dwar il-validità tiegħu), donnu jidher illi fil-5 ta' Diċembru 1959 il-purtier Barbara ħalla kopja taċ-ċitazzjoni għall-konvenut f'idejn martu fl-indirizz hemm imsemmi. Din hi, preżumibbilment, il-kopja li ġiet eżibita mill-konvenut (fol. 37). Fuqha hemm miżjud bil-linka kliem li juri illi l-kawża kienet ġiet differita għall-25 ta' Jannar 1960, kif ġa ntqal fuq. Dan il-kliem ġie miktub mill-iskrivan tal-Qorti Frank Vassallo wara li, kif xehed hu (fol. 45), kien ivverifika d-differiment. Id-data hemm hekk magħmula fuq il-kopja ma hix inizjalata u ċertifikata minn ħadd, u għalhekk l-appellanti jissottomettu illi d-dikjarazzjoni li hemm fl-aħħar tal-kopja, li ċjoè dik kienet "Vera Kopja", iffirmata mid-Deputat Reġistratur, ma tikkispondix għall-verità, u kwindi n-notifika li saret għandha titqies li kienet nulla;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma esprimietx ruħha dwar jekk id-difett rilevat mill-appellanti jikkostitwix irregolarità. Fl-ewwel sentenza tagħha (fol. 47) hi qalet biss illi "jekk anki n-nuqqas fuq rilevat kellu jikkostitwixxi irregolarità, id-dritt talvolta kompetenti lill-konvenut kien dak li lu mogħti mill-art. 189 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan id-dritt hu ma eżerċitahx". F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti ċċitat bħala awtorità s-sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Kollezzjoni Vol. VIII, p. 796;

Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma jidhrilhiex illi hu sewwa li jingħad illi l-art. 189 huwa l-uniku rimedju mogħti mill-liġi għal kull xorta ta' irregolaritajiet fil-kopji tal-atti ġudizzjarji, huma x'inhuma dawk l-irregolaritajiet. Bil-kliem tiegħu stess dak l-artikolu japplika biss f'nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti preskritti fl-art. 188, ċjoè meta l-kopja ma tkunx leġġibbli, jew meta tonqos għal kollox iċ-ċertifikazzjoni tar-Reġistratur tal-att bħala vera kopja. Dawn huma difetti, meta jirrikorru, li wieħed jinduna bihom "ictu oculi", u għalhekk il-liġi llimitat iż-żmien li fih il-parti notifikata għandha d-dritt teżiġi kopja regolari magħmula skond dawk ir-rekwiżiti. Dan ma jfissirx, però, illi fil-każ ta' irregolaritajiet oħra m'hemmx ebda rimedju jew hemm biss dak ir-rimedju u xejn aktar. Hekk, per

eżempju, ġie ritenut illi żball sostanzjali fil-kunjom iġib in-nullità tal-att fir-rigward tal-persuna notifikata, ammenokkè hi ma tidherx fil-kawża u tissana d-difett (Vol. XXVII-I-1008). Ġie wkoll ritenut illi, meta ċ-ċitazzjoni ġġib l-isem tal-konvenut ħażin u l-Qorti tordna l-korrezzjoni tal-isem, jekk il-konvenut ikun kontumaċi, huwa ġust, u dan hu l-użu tal-Qrati Tagħna, illi ċ-ċitazzjoni, in vista ta' dak il-fatt ġdid, tiġi notifikata mill-ġdid (Vol. XXIX-I-1014);

Dan juri illi r-rimedju provvdut fl-art. 189 mhux esklużiv għal kull irregolarità, hi x'inhi, anki jekk talvolta pależi, u l-persuna notifikata tkun indunat biha;

Issa fil-każ preżenti, l-ilment tal-appellanti mhux illi l-kopja ma hix ċertifikata mir-Reġistratur, imma li din il-kopja, għad li tidher hekk ċertifikata bħala vera kopja, fil-fatt ma taqbelx mal-oriġinal;

Dak li ġara hu aktarx dan, Il-kopja in kwistjoni kienet tlestiet qabel ma ġiet ittentata l-ewwel notifika, meta l-kawża kienet appuntata għat-30 ta' Novembru. Dak iż-żmien iċ-ċertifikat tar-Reġistratur li l-kopja kienet vera kopja kien interament korrett. Wara li dik in-notifika ma saretx, u l-kawża ġiet differita għall-25 ta' Jannar 1960 ġie miżjud fuq l-istess kopja il-kliem tad-differiment. Iddati tad-differimenti, anki meta dawn ikunu saru biex issir in-notifika, mhux soltu li jiġu miżjuda fuq l-oriġinal tal-att, imma jkunu jidhru mill-verbali tal-proċess. Fuq il-kopja, kif jidher mix-xhieda tal-iskrivan Vassallo, soltu fil-prattika ssir l-aġġunta li turi d-differiment, kif sar fil-każ preżenti;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan hu regolari speċjalment meta l-aġġunta ssir fil-korp tal-kopja ġa qabel ċertifikata u bla ebda inizjali jew firma ta' ħadd. Għarregolarità jmissha, kontra d-data oriġinali fissata mill-Qorti, u li tidher fil-kopja ċertifikata, issir kjamata ċara, u korrispondentement għal din mbgħad issir nota fil-marġni tal-kopja jew fil-qiegħ tagħha li tgħid illi b'ordni tal-Qorti, mogħti fit tali data il-kawża ġiet differita għat-tali

ġurnata; liema nota tkun iffirmata mir-Reġistratur jew f'ismu;

Iżda għal din l-irregolarità biss il-Qorti ma kienetx tħossha nklinata li tiddikjara l-proċeduri nulli; mhux minħabba fiha biss ma tħossx illi kien ikun jista' jingħad illi l-konvenut kien ikun ġie żvijat b'mod li ma kienx ikun jista' jippreżenta fiż-żmien l-eċċezzjonijiet tiegħu, anki talvolta wara li jivverifika;

Iżda fil-każ preżenti, kif ġie rilevat mill-Qorti waqt it-trattazzjoni tal-appell, hemm difett ieħor. Dik li suppost kellha tkun ir-riferta tal-marixxall tan-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut fil-fatt ma ġietx iffirmata. Fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas ta' forma hu l-istess daqs kieku ma saret ebda riferta. Peress illi r-riferta li l-marixxall hu obligat li jagħmel skond l-art. 187 hi l-prova legali tan-notifika, li għandha turi mhux biss illi materjalment ingħatat kopja lill-parti jew tħalliet kopja għaliha f'post u f'idejn persuna kompetenti skond il-liġi, iżda wkoll illi dan sar jew mill-marixxall innifsu jew minn uffiċjal ieħor li skond il-liġi jista' jinnotifika, u fil-każ preżenti din ir-riferta ma hemmx; għalhekk ma jistgħax jingħad illi n-notifika legalment saret. Il-fatt biss illi jidher mill-proċess illi l-kopja waslet għand il-konvenut, tant illi hu stess eżibiha, ma jsewwix id-difett; mhux biss għaliex hu sa mill-bidu kkontesta quddiem il-Qorti l-validità tan-notifika, anki jekk mhux minħabba d-difett issa senjalat, imma anki għaliex il-fatt biss tal-eżistenza materjali tal-kopja f'idejn il-konvenut ma jekwivalix għall-prova legali tan-notifika regolari tal-att, salva l-aħħar parti tal-proviso tal-art. 186 (1) Kap.. 15 fil-każijiet hemm speċifikati;

Għaladarba ma hemmx il-prova tan-notifika legali taċ-ċitazzjoni lill-konvenut, ma jistgħax jingħad illi hu kien kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti fis-sens tal-liġi;

Anki t-tieni lament tal-konvenut appellanti, illi l-kapitoli kienu nulli, huwa wkoll, fil-fehma tal-Qorti, ġustifikat. L-ewwelnett, għar-raġuni ġa fuq imsemmija, jekk ma hemmx prova tan-notifika regolari taċ-ċitazzjoni, iseg-

wi illi l-proċeduri kollha li saru wara fl-assenza tiegħu huma nulli;

Imma anki kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu jitqies illi ċ-ċitazzjoni kienet ġiet regolarment notifikata, is-subizzjoni tal-konvenut bil-mod li saret kienet ukoll tkun nulla;

Kif ġa ntqal, wara l-ewwel appuntament, li kien għat-30 ta' Novembru 1959, il-kawża ġiet differita għall-25 ta' Jannar 1960. Din hi d-data, "ex hypothesi', notifikata lill-konvenut u li fiha kellu jidher. Intant, il-kawża (bla ma kien hemm ebda ordni ieħor tal-Qorti) dehret fis-seduta tal-15 ta' Jannar. Din is-seduta, għar-rigward ta' din il-kawża, kienet manifestament nulla, u null dak kollu li sar fiha mill-attur rigward il-konvenut. Wara li ġara dan l-iżball, reġa sfortunatament ġara żball ieħor. Il-kawża ġiet differita (bla ebda ntima lill-konvenut) għall-21 ta' Jannar 1960 "għas-subizzjoni tal-konvenut". Anki dan id-differiment hu manifestament null, u null dak kollu li sar fil-kawża mill-attur dak inhar fl-assenza tal-konvenut;

Konsegwentement, hija nulla l-preżentazzjoni tal-kapitoli fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1960. Skond l-art. 699 tal-Kodiċi tal-Proċedura, il-kapitoli għandhom jiġu preżentati lill-Qorti waqt is-smiegħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati. Imma s-"smiegħ tal-kawża", skond l-unika notifika li "ex hypotesi" saret lill-konvenut, ma kellu, u ma setgħax validament jibda qabel il-25 ta' Jannar. Għalhekk lanqas setgħu jiġu preżentati u approvati l-kapitoli. Kif qalet din il-Qorti fl-Appell Inferjuri "Ellul vs. Ellul", 30 ta' Marzu 1949 (Vol. XXXIII-I-830, 842), "il-materja tas-subizzjoni hija trattata speċjalment fil-liġi, għaliex hija materja serja, peress illi biha, jekk il-parti ma tidherx, il-kapitoli jitqiesu bħala konfessati". Għalhekk jeħtieġ partikolarment illi l-proċedura dwarha tiġi rigorożament segwita;

L-analoġija magħmula mill-Ewwel Qorti mar-rikors għall-ingunzjoni ta' xhieda li jista' jsir anki meta l-konvenut ikun għad baqgħalu żmien biex jippreżenta n-nota

tal-eċċezzjonijiet ma tidherx valida; anki sempliċement għaliex il-provvediment tal-Qorti mogħti fuq rikors simili hu ugwalment bla preġudizzju tal-eċċezzjonijiet tal-parti l-oħra jew tal-liġi. Terġa, mbgħad, għal rikors simili l-liġi ma tgħidx, kif inveċe tgħid espressament għall-preżentazzjoni tal-kaptoli, li għandu jsir waqt is-smiegħ tal-kawża ("nell'atto della trattazione della causa", kif kien jgħid it-test taljan), ċjoè, manifestament, f'udjenza validament miżmuma, kif il-prattika turi;

Ġa ladarba kien hemm dan il-vizzju inizjali, dak kollu li ġar wara fuq dawk il-kapitoli ma setgħax ikun validu. Bħala fatt, il-kapitoli ġew annessi mal-proċess, u ġew kunsidrati konfessati fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1960, li kienet l-ewwel seduta li "ex hypothesi" kienet ġiet notifikata lill-konvenut u li fiha seta' jidher. Dak inhar il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għad-29 ta' Jannar. F'din id-data s-sentenza ma ngħatatx għar-raġuni li tidher mill-verbal fol. 30. Il-konvenut ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Jannar u lanqas f'dik tad-29, li fihom ġie msejjaħ għas-subizzjoni. Eventwalment, il-kawża ġiet deċiża fid-19 ta' Frar;

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi wara l-21 ta' Jannar il-kawża ġiet differita darbtejn ma jivvalidax id-difett inizjali tal-preżentata u approvazzjoni tal-kapitoli; apparti milli, b'differenza ma' dak li jingħad fis-sentenza appellata, dawn id-differimenti ma sarux għall-iskop tas-subizzjoni, iżda, skond ma jidher mill-verbal fol. 29 u 30, l-ewwel darba għas-sentenza, u t-tieni darba għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Jekk tneħħi mill-proċess il-konfessioni tal-kapitoli, ma jibqa' ebda prova dwar l-ewwel domanda; u kwindi taqa' wkoll it-tieni talba li hi dipendenti mill-ewwel waħda;

F'din is-sitwazzjoni kieku l-Qorti kellha tirritjeni illi ma hemm ebda irregolarità dwar in-notifika taċ-ċitazzjoni, il-Qorti kien ikollha ċertament tiddikjara nulla s-subizzjoni tal-konvenut, u f'dan is-sens tirriforma l-ewwel sentenza appellata, u minħabba n-nuqqas konsegwenzjali ta' provi

da parti tal-attur tirrevoka t-tieni sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-attur;

Iżda l-Qorti, minħabba n-nuqqas ta' prova ta' notifika regolari taċ-ċitazzjoni lill-konvenut, jidhrilha illi l-proċeduri kollha fil-kawża wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni għandhom ikunu annullati u l-kawża ssir mill-ġdid fuq l-istess ċitazzjoni wara li tkun saret notifika regolari tagħha lill-konvenut;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, fis-sens li tħassar u tannulla ż-żewġ sentenzi u l-proċeduri kollha wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni u tordna li l-kawża ssir mill-ġdid fuq l-istess ċitazzjoni wara li din tiġi regolarment notifikata mill-ġdid lill-konvenut, inattiżi l-proċeduri kollha li saru quddiem l-Ewwel Qorti wara l-preżentata ta' dik iċ-ċitazzjoni; u għal dan il-fini tordna li l-atti jiġu mibgħutin lura lill-Ewwel Qorti;

L-ispejjeż kollha jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas bin-nofs.